MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 296/2003

**U.C.I.M. Co. Ltd.**
**vs**
**Maurice Zammit**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm295.00 (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin) rappresentanti import ta‘ erba’ kambjali, wahda ta’ Lm74 (bilanc), tnejn ta’ Lm80 il-wahda u wahda ta‘ Lm61, debitament accettati u skaduti minn Mejju 2002 sa Awissu 2002 rispettivament u mhux imhallsa annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 4 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mil-iskadenza ta’ kull kambjala li sat-28 ta’ Jannar 2003 jammontaw ghal Lm17, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi Lm6 tal-konsult legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema' lil Dr Paul Cachia jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm295.00 (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin) rappresentanti import ta' kambjali skaduti u mhux imhallsa. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------